# IL-KAĊĊA

- L-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa hu miftuħ bejn l-1 ta' Settembru 2017 u l-31 ta' Jannar 2018
- Bil-liġi tista' ssir kaċċa fuq 40 speċi mill-art u 12-il speċi minn fuq il-baħar. L-ispeċi l-oħra kollha huma protetti bil-liġijiet nazzjonali u internazzjonali (Tab. 2)
- Il-kaċċa għall-għasafar minn fuq il-baħar hi permessa bejn l-1 ta' Ottubru 2017 u l-31 ta' Jannar 2018
- Il-kaċċa u l-pussess ta' arma tan-nar jew apparat tal-insib f'Santwarju tal-Għasafar huma illegali (Tab. 1)
- Hu illegali li wieħed iġorr arma tan-nar bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx, jew meta l-istaġun ikun magħluq
- Hu illegali li wieħed juża apparat ta' għajjat artifiċjali għall-għasafar
- Hu illegali li ssir kaċċa fuq il-baħar qabel l-1 ta' Ottubru u sa 3km mill-kosta
- Hu illegali li wieħed ikollu senter li kapaċi jispara aktar minn 3 tiri wara xulxin
- Hu illegali li ssir kaċċa sa 50m minn triq prinċipali
- Hu illegali li ssir kaċċa sa 50m minn bajja (Tab. 3)
- Hu illegali li ssir kaċċa sa 200m minn zona residenzjali (zona residenzjali = >100 persuna)
- Hu illegali li ssir kaċċa minn persuni ta' taħt it-18-il sena
- Bejn **il-15 ta' Settembru 2017 u s-7 ta' Ottubru 2017 il-kaċċa mhix permessa** mit-Tnejn sas-Sibt wara s-7.00pm sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara
- Bejn **it-8 ta' Ottubru 2017 u l-31 ta' Jannar 2018 il-kaċċa mhix permessa** mit-Tnejn sas-Sibt bejn sagħtejn wara nżul ix-xemx u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara (jekk jogħġbok iċċekkja t-tabella fil-paġna li jmiss)
- Nhar ta' Ħadd **ma tistax issir kaċċa wara s-1pm** sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara

**L-ISTAĠUN TAL-KAĊĊA FIL-ĦARIFA GĦALL-GAMIEMA (REGOLAMENTI 15 ta' Marzu, 2016)**

- L-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa għall-Gamiema (*Streptopelia turtur)* fuq l-art **ikun miftuħ biss bejn l-1 ta' Settembru u t-30 ta' Settembru.**
- Il-kwota nazzjonali għall-kaċċa tal-Gamiema matul l-istaġun tal-ħarifa hi ta' 7,000

| Santwarji tal-Għasafar |
|---|
| Iċ-Ċimiterju tal-Addolorata u sa 50 metru minn kull ċimiterju ieħor |
| Is-Salina |
| Il-Marsa Sports Ground |
| Il-Ġonna ta' San Anton u l-ġonna pubbliċi l-oħra kollha |
| Manoel Island |
| L-Għadira (il-bajja tal-Mellieħa) |
| Ħeliports |
| Sa 200 metru mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta |
| Kemmuna |
| Filfla |
| Il-Buskett |
| L-Irdumijiet ta' Ta' Ċenċ, Għawdex |
| Ta' Qali |
| Sa 50 metru minn apparat tat-trasmissjoni |
| Is-Simar (San Pawl il-Baħar) |

| |
|---|
| Ir-Riserva tal-Ballut, Marsaxlokk |
| Il-Girgenti |
| Wied Għollieqa |
| Il-Qawra, Għawdex |
| L-Għolja ta' Għammar, Għawdex |

***Tab.1*** Santwarji tal-Għasafar

| **SPEĊI LI JISTGĦU JIĠU KKAĊĊJATI FIL-ĦARIFA 2017** | | | Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati | |
|---|---|---|---|---|
| | | | mill-art | fuq il-baħar |
| **ANSERIFORMES** | Wiżża tal-Ful | *Anser fabalis* | ✓ | ✓ |
| | Wiżża tal-Kanada | *Branta canadensis* | ✓ | ✓ |
| | Brajmla | *Aythya ferina* | ✓ | ✓ |
| | Sarsella | *Anas crecca* | ✓ | ✓ |
| | Silfjun Ewropew | *Anas penelope* | ✓ | ✓ |
| | Kuluvert Griż | *Anas strepera* | ✓ | ✓ |
| | Sarsella Ħamra | *Anas querquedula* | ✓ | ✓ |
| | Wiżża Griża | *Anser anser* | ✓ | ✓ |
| | Kuluvert | *Anas platyrhynchos* | ✓ | ✓ |
| | Silfjun | *Anas acuta* | ✓ | ✓ |
| | Palettuna | *Anas clypeata* | ✓ | ✓ |
| | Brajmla tat-Toppu | *Aythya fuligula* | ✓ | ✓ |
| **GALLIFORMES** | Faġan | *Phasianus colchicus* | ✓ | |
| | Summiena | *Coturnix coturnix* | ✓ | |
| | Ħaġla | *Perdix perdix* | ✓ | |
| | Ħaġla Ħamra tal-Irlanda | *Lagopus lagopus hibernicus* | ✓ | |
| | Ħaġla Ħamra | *Lagopus lagopus scoticus* | ✓ | |
| | Ħaġla ta' Spanja | *Alectoris rufa* | ✓ | |
| | Ħaġla tal-Blat | *Alectoris graeca* | ✓ | |
| | Ħaġla tal-Muntanji | *Lagopus mutus* | ✓ | |
| **GRUIFORMES** | Tiġieġa tal-Baħar | *Fulica atra* | ✓ | |
| | Gallozz Iswed | *Gallinula chloropus* | ✓ | |
| | Gallozz tax-xitwa | *Rallus aquaticus* | ✓ | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **CHARADRIIFORMES** | Bekkaċċ | *Gallinago gallinago* | ✓ |
| | Pluviera | *Pluvialis apricaria* | ✓ |
| | Pluviera Griża | *Pluvialis squatarola* | ✓ |
| | Ċinkonja | *Lymnocryptes minimus* | ✓ |
| | Venewwa | *Vanellus vanellus* | ✓ |
| | Girwiel | *Philomachus pugnax* | ✓ |
| | Gallina | *Scolopax rusticola* | ✓ |
| **COLUMBIFORMES** | Tudun tal-Ġebel | *Columba livia* | ✓ |
| | Gamiema | *Streptopelia turtur* | ✓ |
| | Tudun | *Columba palumbus* | ✓ |
| **PASSERIFORMES** | Malvizz Iswed | *Turdus merula* | ✓ |
| | Malvizzun tal-Qtajja' | *Turdus pilaris* | ✓ |
| | Malvizzun Prim | *Turdus viscivorus* | ✓ |
| | Malvizz Aħmar | *Turdus iliacus* | ✓ |
| | Alwetta | *Alauda arvensis* | ✓ |
| | Malvizz | *Turdus philomelos* | ✓ |
| | Sturnell | *Sturnus vulgaris* | ✓ |

***Tab.2*** Speċi mhux protetti

| **Bajjiet protetti** | |
|---|---|
| **Malta** | **Għawdex** |
| L-Armier | Mġarr ix-Xini |
| Anchor Bay | Ir-Ramla l-Ħamra |
| Għajn Tuffieħa | San Blas |
| Paradise Bay | Ix-Xatt l-Aħmar |
| Il-Ġnejna | Ix-Xlendi |
| Golden Bay | |

***Tab.3*** *Bajjiet protetti*

## L-INSIB

- Ma jista' jsir insib imkien bl-ebda metodu (trabokki, xbiek eċċ.)